MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2014

Numru. 966/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**YASIN MOHAMED ABDI**

**BAKARY NOMOKO**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **YASIN MOHAMED ABDI,** ta’ dsatax-il (19) sena iben Mohamed Abdi u Amina, imwielda Hiran fis-Somalia, nhar l-20 ta’ Ottubru 1995, residenti gewwa t-Tent Village ta’ Hal Far u detentur tan-numru moghti mill-Pulizija ta’ Malta 13O-060 u **BAKARY NOMOKO** ta’ tmienja u ghoxrin (28) sena, iben Moussa and Mabubarek, imwieled Ivory Coast nhar il-15 ta’ Awwissu 1986, residenti gewwa Marsa Open Centre u detentur tal-karta tar-residenza Taljana 140442 gew imressqa quddiema akkuzati talli fit-3 ta’ Ottubru 2014 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-gżejjer iffalsifikaw, biddlu jew għamlu xi tibdil f’Passaporti, Karti ta’ l-Identità u Permessi għar-Residenza jew użaw jew kellhom fil-pussess tagħhom xi Passaporti, Karti ta’ l-Identità u Permessi għar-Residenza li huma kienu jafu li ġew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f’isem Ali Ahmed bin-numri 45683, 673/07 u 0291880 AB u f’isem Nomoko Bakary 448466 u I02976810 rispettivament.

Kif ukoll talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlu falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlu użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija.

Kif ukoll talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifikaw xi dokumenti jew kopji vera ta’ dokumenti jew reġistrazzjonijiet magħmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom zewg fedini penali, permesso di soggiorno fil-konfront tal-imputat Bakary Nomoko, dokument

mahrug mis-Special Branch tal-Pulizija fil-konfront tal-imputat Yasin Mohamed Abdi, zewg stqarrijiet, kunsens tal-Avukat Generali, zewg relazzjonijiet redatti mill-police work u dokumentazzjoni falza mahruga mill-Italja.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma jifhmux bil-lingwa Maltija u li huma m'ghandhomx mezzi finanzjarji. L-imputat Yasin Mohamed Abdi ddikjara li jifhem bil-lingwa Gharbija filwaqt li Bakary Nomoko ddikjara li jifhem bil-lingwa Taljana.

Il-Qorti nnominat lil Dr Simon Micallef Stafrace bhala Avukat tal-Ghajnuna Legali sabiex jassisti lill-imputati. Il-Qorti nnominat ukoll lill-Houto Nazmi Khalil bhala interpretu sabiex jassisti lill-imputat Yasin Mohamed Abdi u jittraduci mil-lingwa Maltija ghal-lingwa Gharbija u vici versa. Il-Qorti nnominat ukoll lill-Imelda Fede bhala interpretu sabiex tassisti lill-imputat Bakary Nomoko u tittraduci mil-lingwa Maltija ghal-lingwa Taljana u vici versa.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata waqt is-seduta tal-4 ta' Ottubru 2014 u dana fil-presenza tal-avukat tal-ghajnuna legali u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibhom hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk riedu, setghu jergghu lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-4 ta' Ottubru 2014.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 u l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputati YASIN MOHAMED ABDI u BAKARY NOMOKO hatja tal-akkuzi kif migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannhom tmien xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------